**A.L. 22 ta' l-1988**

## ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 58)

### Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ajruport (Dritt ta' Ħlas għal Servizz lill-Passiġġieri)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ajruport (Dritt ta' Ħlas għal Servizz lill-Passiġġieri), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1980 dwar l-Ajruport (Dritt ta' Ħlas għal Servizz lill-Passiġġieri), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 81 ta' l-1980.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu mill-1 ta' Mejju, 1988.

Jemenda r-regolament 3 li jinsab mar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok il-figura "Lm2" għandha tidħol il-figura "Lm4"; u

(b) minnufih fit-tmiem tiegħu, għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda sal-31 ta' Ottubru, 1988, għandhom jitħallsu Lm2 mid-dritt imsemmi lid-Direttur tal-Avjazzjoni Ċivili minn sid ta' inġenju ta' l-ajru jew mill-operatur tiegħu, u Lm2 fuq talba lid-Direttur tal-Avjazzjoni Ċivili mill-passiġġier li jitlaq.".